Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,009, 16 ta' Settembru, 1994
Taqsima B

A.L. 125 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati Riveduti ta' Stipendji għal Studenti Universitarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

A.L. 92 ta' l-1994.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Stipendji Riveduti għal Studenti Universitarji, u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Reglamenti ta' l-1994 dwar Rati Riveduti ta' Stipendji għal Studenti Universitarji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, fil-paragrafu 3 tagħha, minflok il-kliem "li jibdew f'Ottubru, 1995" għandhom jidħlu l-kliem "li jibdew f'Ottubru, 1994".